# INTIETEF

## BEJN IL-GĦAMLA TAL-VERBI MALTIN U DIK TAL-VERBI TALJANI-SQALLIN.

Il-verbi ta' nisel Malti jispiċċaw b'konsonanti. Eż: *qatel, feraq*, eċċ. Biss, il-konsonanti sħiħa *għ* (barra mill-*għ* fil-kelmiet: *forogħ, żebagħ, dagħdagħ*) u l-konsonanti dgħajfin *j* u *w* f'tarf il-kelma, jibqgħu siekta u jinxorbu fil-leħen ta' *a*. Eż. *tala'*(*għ*), *tafa*(*għ*), *tefa*(*j*), *sewa*(*j*), *feda* (*w*).

Il-verbi ta' nisel taljan-sqalli jispiċċaw dejjem bil-vokali *a* u fit-tiswir tagħhom jimxu iktarx fuq dawk il-verbi li fil-Malti għandhom l-aħħar konsonanti *j* jew *w*. Eż: *spara, sparajt*, eċċ., *sforza, sforzajt*, eċċ., *batta, battejt*, eċċ. *żbalja, żbaljajt*, eċċ., iżda f'dawn, il-vokali ta' l-ewwel taqsima tal-kelma tibqa' bla mittiefsa, fil-waqt li fil-verbi maltin taqa'. Eż: *feda, fdejt, sewa, swejt*.

Il-partiċipju passat tal-verbi taljani-sqallin, fil-Malti, isir billi tiżdied *t* mal-Passat ta' l-Indikativ: *inkorla, inkorlat; irxoxta, irxoxtat: imborġa, imborġat*.

Il-biċċa l-kbira tal-verbi ta' nisel taljan-sqalli jibdew bil-vokali *i* li twieġeb għall-*i* ta' wara l-ewwel konsonanti fil-kelma taljana jew sqallija. Eż: *ricevere, irċieva; ricadere, irkada* eċċ. Jiġi li l-*i* tkun l-ewwel vokali tal-verb stess fit-Taljan jew Sqalli, bħal f'*impiega, inkorla*, eċċ.

Fil-verbi ewlenin maltin ta' żewġ sillabi l-aċċent huwa maħtuf ħafif, fil-waqt li f'biċċa mill-verbi taljani-sqallin, ta' żewġ sillabi, il-vokali hija twila. Eż: *sôfra, bâta, fiera* eċċ., li turi n-nisel barrani. Fil-Malti din il-għamla ssibha wisq fil-bogħod fil-verbi ewlenin. Qabbel: *miera*, *merejt*. Huma wkoll ta' nisel taljan-sqalli:

a) dawk il-verbi li għandhom tliet konsonanti differenti jew iżjed, u jispiċċaw bil-vokali *a*. Eż: *serva, skarta*, eċċ.;

b) dawk il-verbi li jibdew u jispiċċaw bil-vokali. Eż: *obda, offra, iċċita*,

a) dawk li fil-mamma għandhom iż-żewġ vokali *o* u *a*. Eż: *ordna, storda*.



Il-verbi ta' nisel taljan-sqalli li jibdew b'konsonanti iktarx itennu l-ewwel konsonanti. Eż: *ipprova, ittratta, iggranfa, iċċara, issonda*, iżda, mbagħad, ngħidu *ċieda, skarta, gawda, salva*.

Il-verbi taljani li jibdew bl-*a*, b'konsonanti mtennija wara, iħobbu ibiddlu l-*a* f'*i*. Eż: *irrabja* (minn *arrabiare*), *iffonda* (minn *affondare*) eċċ. Iżda, mbagħad, ngħidu: *aċċetta, addatta, approva, abbona, alloġġa*.

Il-verbi li jibdew bl-*st* huma ta' nisel malti jekk għandhom konsonanti gutturali jew jispiċċaw b'konsonanti. Eż: *staqsa, staħba, stagħġeb, stagħna, stqarr, stkerrah, staħa, stieden, stejqen*, li huma maltin, fil-waqt li *storda, stampa, stona, staġna, stinka* huma ta' nisel taljan-sqalli.

Biċċiet mill-verbi taljani-sqallin, meta jidħlu fil-Malti, jaqtgħu xi ittri minn ras il-kelma: *spona, żarma, solva* minn *esporre, disarmare, assolvere*.

Il-mamma ta' verbi mnisslin mit-taljan jew sqalli iktarx li l-Malti jibniha fuq it-tielet persuna, sing. ta' l-Imperfett: *stabilixxa, spona* (*stabilisce, espone*).

It-tibjin li hemm fil-għamla ta' verbi maltin u dik ta' verbi taljani-sqallin jurina li l-verb malti baqa' dejjem magħżul għalih f'dik li hi għamla ewlenija tiegħu, u li mill-banda l-oħra l-verb taljan-sqalli, għalkemm mexa fuq it-tiswir grammatikali tal-Malti, sabiex jibqa' jingħażel mix-xeħta maltija ma'tilefx għal kollox dik il-vokalizzazzjoni jew fonetika li tagħmel mill-bini tal-kelma ewlenija tiegħu.

Dan juri wkoll li l-mamma ta' verbi mnisslin mit-taljan jew sqalli li jibdew *bil-vokali* għandha tinkiteb bħalma tit-lissen u għalhekk jagħltu dawk il-kittieba li fil-verbi ta' nisel taljan jew sqalli jħobbu jaqtgħu l-vokali fil-bidu ta' verbi bħal: *ikkmanda, ittenda, iddobba*, u jiktbu *kkmanda, ttenda, ddobba*, wara kelma li tispiċċa b'vokali.

A. C.